**Nru. 226**

**ATT DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP (KAP. 356)**

**Skedar ta' Proprjetà**

L-AWTORITÀ ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar b'din tiddikjara l-proprjetajiet li ġejjin, jiġifieri:–

Wied ta' l-Imselliet, Wied tal-Ħżejjen, Wied ta' Għajn Mula, Wied ta' l-Arkata, Wied ta' Għajn Riħana, Ġebel Sarnu, Tat-Tarġa u Ta' Benniena

(L-Imġarr, il-Mosta u San Pawl il-Baħar)

(ara l-pjanta f'paġna 2370) bħala inklużi fil-Lista ta' Proprjetà Skedata, skond l-artikolu 46 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità tiddikjara l-proprjetà msemmija kif ġej:

1. is-sistema sħiħa ta' widien li tinkludi l-Wied ta' l-Imselliet, il-Wied tal-Ħżejjen, il-Wied ta' Għajn Mula, il-Wied ta' l-Arkata u l-Wied ta' Għajn Riħana bħala Sit ta' Importanza Xjentifika ta' Livell wieħed (1) u l-Arja ta' Importanza Ekoloġika ta' Livell tnejn (2) kif indikat fuq il-pjanta murija f'paġna 2370).

2. is-sisien fiż-żoni ta' Ġebel Sarnu, Tat-Tarġa u ta' Benniena bħala Sit ta' Importanza Xjentifika u l-Arja ta' Importanza Ekoloġija ta' Livell tnejn (2) kif indikat fuq il-pjanta annessa;

3. l-art agrikola fiż-żoni Tal-Ħżejjen, il-Wilġiet u ta' Benniena bħala Arja ta' Importanza Ekoloġika *(buffer zone)* ta' Livell tlieta (3) kif indikat fuq il-pjanta annessa, u

4. il-Wied ta' Sejkla u x-Xagħra tat-Tombu bħala Arja ta' Importanza Ekoloġika ta' Livell erbgħa (4) kif inhi indikata fuq il-pjanta annessa

skond it-termini tal-*Policies* RCO 10, RCO 11 u RCO 12 tal-Pjan ta' Struttura u jikkwalifikaw għall-protezzjoni skond klawsoli 15.34 sa 15.40 ta' l-*Explanatory Memorandum* ta' l-istess Pjan ta' Struttura.

L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra fl-artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att, fil-każ ta' xi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp f'dak li jirrigwarda proprjetà skedata.

L-10 ta' Marzu, 2006

**No. 226**

**DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP. 356)**

**Scheduling of Property**

THE Malta Environment and Planning Authority is hereby declaring the following properties, namely:–

Wied l-Imselliet, Wied tal-Ħżejjen, Wied ta' Għajn Mula, Wied ta' l-Arkata, Wied ta' Għajn Riħana, Ġebel Sarnu, Tat-Tarġa and Ta' Benniena

(Mġarr, Mosta and Saint Paul's Bay)

(see plan on page 2370) as included in the list of Scheduled Property in terms of section 46 of the Development Planning Act, 1992.

The Authority designates the above property as follows:

1. the valley system including Wied ta' l-Imselliet, Wied tal-Ħżejjen, Wied ta' Għajn Mula, Wied ta' l-Arkata and Wied ta' Għajn Riħana as a Level one (1) Site of Scientific Importance and Level two (2) Area of Ecological Importance as indicated on the map as shown on page 2370).

2. the escarpment at Ġebel Sarnu, Tat-Tarġa and Ta' Benniena as a Level two (2) Site of Scientific Importance and Area of Ecological Importance as indicated on the map attached;

3. the agricultural land in the areas of Tal-Ħżejjen, il-Wilġiet and Ta' Benniena as a Level three (3) Area of Ecological Importance (buffer zone) as indicated on the map attached, and

4. Wied ta' Sejkla and Ix-Xagħra tat-Tombu as a Level four (4) Area of Ecological Importance as indicated on the map attached

in terms of Structure Plan Policies RCO 10, RCO 11 and RCO 12 and qualify for protection under clauses 15.34 to 15.40 of the Structure Plan's Explanatory Memorandum.

The Malta Environment and Planning Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act, in the case of any contravention to the provisions of the Developement Planning Act as regards to Scheduled Property.

10th March, 2006


St. Francis Ravelin
Floriana
www.mepa.org.mt
Tel:(+356)2290 0000
Fax:(+356)2290 2295
MEPA
Malta Environment
& Planning Authority
(c) Copyright Planning Authority
Bounding Co-Ords.of Map :-
Min E45458, N74853
Max E47309, N76518
Title :- Figure 3
Proposed Scheduling
Wied ta' Ghajn Rihana
Ref No. :- GF 0065/04
Key: -
Level 2 AEI, Level 1 SSI
Level 2 AEI, Level 2 SSI
Level 3 AEI
Level 4 AEI
Form No. :- MU004
N
0
200
400
600
800m